**Stqarrija Ministerjali magħmula f'Seduta 496 tal-20 ta' Marzu 2017 mill-Prim Ministru l-Onor. Joseph Muscat wara s-Summit tal-Unjoni Ewropea li nżamm fi Brussell fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017**

Xtaqt qabel nibda bil-formalità ta' dak li seħħ fil-Kunsill Ewropew tad-9 u l-10 ta' Marzu nikkummenta dwar l-aħbar li l-Prim Ministru tar-Renju Unit Theresa May infurmat lill-President tal-Kunsill tal-Ewropea Donald Tusk li se tkun qed tiskatta l-proċess ta' ħruġ mill-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Marzu 2017.

Permezz ta' ittra, ir-Renju Unit se tkun qed tinvoka Artiklu 50 tat-Trattati tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li mid-29 ta' Marzu li ġej jitlaq arloġġ b'*countdown* ta' sentejn, avolja fil-verità huwa aktar perjodu ta' sena u nofs, li matulu r-Renju Unit mhux biss irid jinnegozja l-ħruġ, iżda x'tip ta' relazzjoni jrid fis-seħħ mal-Unjoni Ewropea wara l-ħruġ.

Aħna bħala Presidenza ġejna notifikati wkoll. Il-proċess li se jitmexxa min-nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu huwa li n-negozjati jitmexxew mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Kap Negozjatur għall-Kummissjoni Michel Barnier li jirrapporta lill-General Affairs Council fejn aħna rrappreżentati mid-Deputat Prim Ministru Louis Grech. Il-Kap Negozjatur se jkun ukoll qed jirrapporta lill-Kunsill Ewropew minn żmien għal żmien.

Jien min-naħa tiegħi se nkun qed nirrapporta lil din il-Kamra kull meta jinħass il-bżonn dwar Brexit.

Ta' min iżid li l-Ġimgħa l-oħra kelli laqgħa mal-Prim Ministru May fejn irrijaffermajt il-pożizzjoni li l-ebda ftehim ġdid mal-Unjoni Ewropea ma jista' jkun aħjar minn membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea. Iżda żidt ngħid ukoll li Malta se tibqa' viċin ir-Renju Unit u kommessi li nżommu l-aqwa relazzjonijiet bilaterali bħal ma dejjem kellna storikament.

L-*issue* ewlenija li wieħed jistenna li se tkun diskussa fil-bidu hi jekk hux l-ewwel se jkun hemm negozjati dwar il-ħruġ u wara dwar relazzjoni ġdida, jew inkella dwar iż-żewġ aspetti flimkien.

**Tripartite Social Summit**

Lejliet il-Kunsill Ewropew tlaqqa’ s-Summit Soċjali magħruf bħala Tripartite fejn fih jieħdu sehem l-imsieħba soċjali.

Flimkien miegħi għal dan is-Summit kien hemm il-Ministru għall-Edukazzjoni u Xogħol Evarist Bartolo.

Fid-dawl ta’ waħda mill-prijoritajiet tal-Presidenza ta’ Malta, jiġifieri li mmexxu aġenda soċjali, din kienet laqgħa importanti ħafna. It-tema ta’ dan is-Summit kienet “Il-Futur tal-Ewropa b’miżuri għal tkabbir ekonomiku, ħolqien tal-impjiegi u inklużjoni soċjali".

Nemmen li l-futur tal-Ewropa għandu jkun imsejjes fuq drittijiet soċjali permezz tal-proposti dwar il-European Pillar for Social Rights. Għedt li l-Ewropa għandha toffri protezzjoni iżda din m’għandhiex taqa’ fi protezzjoniżmu.

Sostnejt li d-djalogu soċjali huwa kruċjali għas-suċċess ekonomiku u r-riformi soċjali. L-involviment tal-isħab soċjali fil-proċess jassigura li l-interessi ta’ kulħadd jiġu kkunsidrati.

Wieħed mis-suġġetti ewlenin ta’ dan is-Summit Soċjali kien il-promozzjoni ta’ kunċetti *making work pay* bħala mod kif jiżdied ix-xogħol, l-inklużjoni soċjali u allura għal drittijiet soċjali aħjar.

Il-Ministru Bartolo u jien spjegajna kif f’Malta ttieħdu deċiżjonijiet prammatiċi li għenu s-suq tax-xogħol bħal *childcare* b’xejn, *in-work benefits* u *tapering* ta’ benefiċċji soċjali. Spjegajna kif l-Ewropa kollha għandha sfidi li jeħtieġ taħdem fuqhom b’mod partikolari fl-i*skills gap*.

Għal dan is-*summit* kien hemm preżenti rappreżentati tal-imsieħba soċjali Maltin.

**Kunsill Ewropew 9 u 10 ta’ Marzu 2017**

*Elezzjoni tal-President tal-Unjoni Ewropea*

Il-Kunsill Ewropew li sar fid-9 u l-10 ta’ Marzu 2017 kien fih mumenti ta’ tensjoni minħabba li kien wasal fi tmiem l-ewwel terminu ta’ sentejn u nofs tal-President tal-Kunsill Ewropew Donald Tusk.

Bħala Presidenza, Malta kellha rwol li tikkordina bejn l-istati membri kollha biex din l-elezzjoni timxi bl-aktar mod lixx. Ta’ min jgħid li ġeneralment President jingħata żewġ termini.

Madankollu, il-Polonja, li huwa l-pajjiż li minnu jiġi l-President Tusk, opponiet bil-qawwa kollha li jerġa’ jinħatar Donald Tusk.

Fil-jiem ta’ qabel il-Kunsill, jien f’isem il-Presidenza, għamilt kuntatt mas-27 pajjiż membru l-ieħor fejn kien jidher ċar li dwar Donald Tusk kien hemm konverġenza minn kulħadd apparti mill-Polonja. Din wasslet biex fid-9 ta’ Marzu nippresjedi l-Kunsill u nwassal għal deċiżjoni.

Sebgħa u għoxrin stat membru qablu li Donald Tusk jingħata terminu ieħor filwaqt li l-Polonja żammet mal-pożizzjoni li topponi lil Tusk.

B’hekk infurmajt lil Donald Tusk b’dak li kien seħħ u daħal lura fil-Kunsill bħala President fejn kompla l-Kunsill Ewropew.

**Konklużjonijiet mhux addottati**

Ta’ min nagħmel rimarka żgħira li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument li ġie ċċirkolat mill-President fi tmiem il-Kunsill Ewropew. Dawn mhumiex il-konklużjonijiet li mdorrijin bihom is-soltu minħabba li l-Polonja baqgħet tirreġistra l-oġġezzjoni tagħha għal kull konklużjoni. U dan sar għal raġunijiet li ma kellhomx x’jaqsmu mas-suġġett tal-konklużjonijiet innifishom iżda minħabba l-oġġezzjonijiet li qajmet il-Polonja.

**Immigrazzjoni**

Dwar l-immigrazzjoni nixtieq inkompli nirrapporta avvanzi pożittivi minkejja li xorta għad fadal ħafna xogħol xi jsir u issues li jqumu mal-pajjiżi tal-Lvant.

Bħalissa għaddej xogħol fuq miżuri operazzjonali *short-term* u anke miżuri oħra *long-term*. Fir-rigward tal-immigrazzjoni fir-rotta tal-Balkani rnexxielna naraw riżultati konkreti ħafna. L-inkwiet immedjat tagħna, bħala pajjiż, tibqa' r-rotta taċ-ċentru tal-Mediterran.

Qed naħdmu biex ikollna Pjan ta' Implimentazzjoni dwar id-Dikjarazzjoni ta' Malta biex dak li qbilna b'tant suċċess fuqu f'Malta jitwettaq. Diġà bdejna naraw riżultati konkreti.

F'dan kollu li qed isir qed ninvolvu kemm lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Migrazzjoni (IOM) u anke lill-UNHCR biex kwalunkwe pjan u deċiżjoni tkun approvata u tirrispetta l-liġijiet internazzjonali u drittijiet tal-bniedem.

Nista' nirrapporta li l-Unjoni Ewropea qed tieħu ħafna iktar bis-serjetà s-sorveljanza tal-ibħra u mil-lat ta' sigurtà hemm iktar responsabbiltà fil-mod kif qed jitmexxew l-affarijiet.

Irrapportajt ukoll li x-xogħol fuq ETIAS u Entry Exit System huma prijorità fuq l-aġenda tal-immigrazzjoni tal-Presidenza. Dwar Entry Exit System se nkunu qegħdin ninnegozjaw mal-Parlament Ewropew.

**Dikjarazzjoni Ruma – Ewropa soċjali**

Fil-Kunsill tkellimna wkoll fit-tul dwar id-Dikjarazzjoni ta' Ruma li se tkun il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet ta' 60 sena minn mindu ġie ffirmat it-Trattat ta' Ruma.

Malta, bħala Presidenza, flimkien mal-President tal-Kunsill Ewropew Donald Tusk, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker u l-Prim Ministru tal-Italja Paolo Gentiloni ħdimna mill-qrib biex insibu kunsens bejn is-27 membru stat tal-Unjoni Ewropea.

Kien hemm diskussjoni wiesgħa dwar 'il fejn irridu naraw l-Ewropa wara sittin sena ħajja. Hemm qbil ukoll li minn din l-Unjoni rridu naraw tiġdid u mhux li tirtira.

M'hemmx dubju li l-White Paper tal-Kummissjoni kkontribwixxiet sew għad-diskussjoni.

Sħaqt ħafna dwar il-bżonn li din id-dikjarazzjoni tagħmel referenza għall-aspett soċjali tal-Unjoni Ewropea. Punt li nifhem li ħoloq ftit tal-kontroversja għax hemm pajjiżi li ma humiex favur xi forma ta' *diktat* Ewropew fuq miżuri soċjali.

Dan seħħ ukoll fid-dawl ta' diskussjoni dejjem tikber ta' *multi-speed* Europe fejn kull pajjiż jimxi b'ritmu differenti u ma jkollnix *one-size-fits-all* approach. Din sabet reżistenza partikolari minn dawk il-pajjiżi li jibżgħu li din hija skuża biex jitħallew barra.

Insistejna li fid-dikjarazzjoni ta' Ruma nhar is-Sibt li ġej ikun hemm referenza ċara għall-Ewropa Soċjali u addozzjoni tal-European Social Pillar li tkun timxi skont il-passi li kull pajjiż għamel min-naħa tiegħu.

Nhar is-Sibt li ġej 25 ta' Marzu se nkun flimkien mad-Deputat Prim Ministru, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u s-Segretarju Parlamentari għall-Affarjiet Ewropej, qed nirrappreżentaw lill-Presidenza u lil Malta biex niċċelebraw 60 sena mit-twelid ta' din l-Unjoni Ewropea, u li minkejja Brexit u l-kriżijiet li rriżultaw f'dawn l-aħħar snin, nirrijaffermaw li l-Unjoni hija xi ħaġa pożittiva u jeħtieġ li dan l-esperiment li rnexxa jibqa' għaddej.